MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru 1110/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Borg)**

**vs**

**RICHARD SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richard Spiteri maghruf bhala l-*Rakela* ta’ 35 sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rose nee’ Spiteri, imwieled il-Pieta’, fl-20 ta’ Frar, 1971 u joqghod fil-font numru: 94, Triq San Duminku, il-belt Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 118271(M).

A) Billi gie akkuzat talli nhar it-18 t’Awissu, 2006, ghal habta tas- 1.30 ta’ filghodu, filwaqt li kien fi Triq il-Princep

Albert, Albert Town, il-Marsa u fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin, ikkommetta s-serq ta’ ‘mobile phone’ ta’ l-ghamla Samsung, mudell D-500 u numru tas-serje mhux maghruf, liema ‘mobile phone’ jiswa Lm150, kif ukoll is-somma ta’ Lm87 u 50€ fi flus kontanti ghad-detriment ta’ Clinton James Abela minn Hal Qormi, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-artikli 267, 270 u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indhal biex ibieghhom jew imexxihom u dana bi ksur ta’ l-art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) Akkuzat ukoll talli, nhar it-18 t’Awissu, 2006, ghal habta ta’ bejn it-8.30 ta’ filghaxija u l-10.00 ta’ filghaxija, f’post Pubbliku jew f’post espost ghall-Pubbliku, tlajja jew ghamel biex ihajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dana bi ksur ta’ l-art. 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D) U aktar, akkuzat talli, nhar it-18 t’Awissu, 2006, filwaqt li kien f’vettura ta’ l-ghamla Daihatsu, mudell Hi-Jet, ta’ lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: EAE-059, li kienet tinsab ipparkeggata fl-inhawi ta’ Triq Rubbly, Albert Town, il-Marsa, offenda il-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur ta’ l-art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll akkuzat talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Barra minn hekk talli, Richard Spiteri kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-21 ta’ Jannar, 2005 u mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. fil-Qorti tal-

Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-28 ta' Marzu, 2006.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat Richard Spiteri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza A), tal-akkuza C), tal-akkuza D) u tal-akkuza rigward ir-recidiva migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza A), tal-akkuza C), tal-akkuza D) u tal-akkuza rigward ir-recidiva migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-akkuza B) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza A) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza B) migjuba kontra l-imputat. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-21 ta' Jannar, 2005 u mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-28 ta' Marzu, 2006, diga' gie ipprovdut ghalihom b'Sentenzi ohra u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 209, 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 u l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Richard Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza A), tal-akkuza C), tal-akkuza D) u tal-akkuza rigward ir-recidiva migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Richard Spiteri ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza B) migjuba kontra l-imputat Richard Spiteri li tirrigwarda ricettazzjoni u tal-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Richard Spiteri li tirrigwarda ksur ta’ kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-21 ta’ Jannar, 2005 u mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-28 ta’ Marzu, 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------